MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 10/2009

**Mario Camilleri Cauchi**

**vs**

**Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Kultura u Sport, is-Segretarju Permanenti ta' l-istess Ministeru, u d-Direttur tad-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Frar, 2009, il-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema ikkomunika s-segwenti decizjoni lir-rikorrenti:-

> **"**We regret to inform you that the Council for the Teaching Profession has refused your application for the issue of a permanent warrant for the following reasons:
>
> 1. We refer to your letter of the 5th August 1996 sent to the ombudsman and copied to the

Department of Education, where you agree and we acknowledge that you had been appointed Instructor I on the 11 August 1995 and prior to that you were a messenger III with Department of Health,

2. The Ombudsman by letter of the 7th July 1997 informed you that your appointment was with effect from the 11th August 1995 and, therefore, in the circumstances, no matter to whatever reference you made in connection to the letter sent by Head of School, facts are facts and cannot be disputed.

3. Furthermore, the Ombudsman confirms and the Department of Education concurs that you were never a casual or a part time instructor, despite the fact that voluntarily you might have filled in with some lessons concerning the technicality of oils in Art, which at no time exceeded 15 hours of work and were always evening classes and not regular school hours,

4. Objectively a technician is not a teacher and therefore, the entitlement for the issue of a permanent warrant has to be interpreted stricto iuris in terms of the Education Act 1988,

5. According to law, you are entitled for the issue of a permanent warrant if you have undergone a pedagogy course, which you have done, and fifteen years have elapsed since your appointment as instructor.

6. The first time you can apply for the issue of a permanent warrant is on the 11th August 2010 and this according to law."

L-aggravju tar-rikorrenti Mario Camilleri Cauchi kif migjub fir-rikors tieghu ta' l-appell hu fis-sens li, kuntrarjament ghal dak dedott mill-Kunsill dwar il-Professjoni tal-

Ghalliema, hu kien jikkwalifika ghall-otteniment ta’ *warrant* permanenti ta’ ghalliem fit-termini ta’ l-Artikolu 11 (3) (d) ta’ l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kapitolu 327);

L-appellati wiegbu ghal dan l-aggravju bis-sottomissjonijiet li jsegwu:-

1. Gjaladarba s-setgha dwar l-ghoti o meno ta’ *warrant* hi vestita mil-ligi fil-Ministru responsabbli ghall-Edukazzjoni l-legittimu kontradittur kellu jkun dan biss, u mhux ukoll il-persuni l-ohra citati;

2. L-appell propost hu irritu u null in kwantu mhux pprezentat fit-terminu preskritt mid-decizjoni tat-18 ta’ Mejju 2006 moghtija mit-Teachers Warrants Board. Skond l-appellati, l-avviz tas-27 ta’ Jannar, 2009, li minnu appella r-rikorrenti ma kienx il-veru decizjoni dwar jekk dan ghandux jinghata, jew le, il-*warrant*;

3. Fil-mertu, l-appellanti ma ssodisfax il-kriterji prefissi mil-ligi u mill-*policy* tal-Ministru ta’ l-Edukazzjoni ghal koncessjoni lilu tal-*warrant* mitluba;

Fuq l-ewwel punt imqanqal mill-appellati fir-risposta taghhom, il-Qorti ma jidhrilhiex li din il-kwestjoni toffri diffikolta. Jinzel mill-interpretazzjoni tal-ligi taht Taqsima III ta’ l-Att imsemmi illi tabilhaqq l-ghoti ta’ *warrant* ta’ ghalliem hu prerogattiva esklussiva tal-Ministru responsabbli ghall-Edukazzjoni. Huwa veru li l-kelma “Ministru” skond l-Artikolu 2 ta’ l-Att tinkludi wkoll “kull persuna awtorizzata mill-imsemmi Ministru ghal hekk”, imma, gjaladarba, mhux saput jekk il-Ministru effettivament iddelegax il-poter tieghu in materja ta’ *warrants* lil persuni l-ohra citati flimkien mieghu, ghandu jsegwi illi l-uniku legittimu kontradittur, mill-ottika tal-prospettazzjoni ta’ l-appellanti bl-applikazzjoni tieghu u dik ta’ l-ezitu tal-kontroversja, kellu jkun biss l-istess Ministru, u mhux ukoll il-persuni l-ohra mharrka. Jikkonsegwi illi dawn l-istess persuni, ossija s-Segretarju Permanenti u d-

Direttur Generali, ghandhom jigu liberati *ab observantia* mill-gudizzju li ser jinghata aktar ‘il quddiem;

Fuq il-tieni sottomissjoni taghhom l-appellati ma jidherx li ghandhom ragun. L-appell introdott sar kif ghandu jkun skond il-ligi u fit-terminu preskritt. Jigi utilment rilevat illi l-avviz tal-Kunsill dwar il-Professjoni ta’ Ghalliema f’Malta tas-27 ta’ Jannar, 2009 ghandu b’kontenut id-decizjoni ta’ dak l-istess Kunsill b’rabta ma’ l-applikazzjoni ta’ l-appellanti ghall-hrug ta’ *warrant*. Di fatti, dan hu hekk dezumibbli mill-istess paragrafu introduttiv ta’ l-avviz stess li jghid illi “*We regret to inform you that the Council for the Teaching Profession has refused your application for the issue of a permanent warrant.*” Paragrafu dan konsegwit minn elenku ta’ ragunijiet ghal dak ir-rifjut. Hu veru illi kien hemm ukoll precedentement ghal dan l-avviz, avviz iehor datat 18 ta’ Mejju 2006 (fol. 20 ta’ l-inkartament) li afferma li l-appellanti ma kienx eligibbli ghal dak il-*warrant*, izda dan ma jnaqqas xejn mill-fatt objettiv illi dak profess mill-Kunsill bl-Avviz tieghu tas-27 ta’ Jannar, 2009 kien jammonta ukoll ghal decizjoni wara r-revizjoni ta’ l-applikazzjoni ta’ l-appellant, li setghet konsegwentement tattira lejha l-appell prezentement intavolat;

Dan premess, ghall-istharrig ta’ l-oggett primarju ta’ dan l-appell u dak tat-twegiba ghalih mill-appellati, il-Qorti thoss li ghandha qabel xejn tirriproduci t-test specifiku tal-ligi propost fl-Artikolu 11 (3) (d) ta’ l-Att. Dan jipprovdi illi biex persuna tikkwalifika ghall-*warrant* permanenti din trid tkun “ghallmet fi skejjel f’Malta jew barra minn Malta ghall-perijodu ta’ mhux anqas minn hmistax-il sena u fl-opinjoni tal-Ministru tkun tal-hila akkademika mehtiega”;

Issa l-isfond tac-cirkostanzi ta’ fatt propunjati mill-Kunsill u mill-kontendenti huma dawn li gejjin:-

(1) Skond il-Kunsill l-appellanti gie appuntat bhala Instructor I b’effett mill-11 ta’ Awissu 1995. Addizzjonalment, li l-appellat qatt ma kien xi *casual* jew

*part-time instructor* u meta hadem, il-hin impjegat f'taghlim ta' *evening classes* qatt ma kien jeccedi l-hmistax-il siegha fil-gimgha. Bejn wiehed u iehor, l-appellati jadducu fir-risposta ta' l-appell taghhom dawn l-istess fatti jew ragunijiet ghar-rifjut tal-ghoti tal-*warrant*;

(2) Minn naha tieghu l-appellanti javvanza l-fatt illi hu kien inghata mill-Ministru responsabbli *warrant* temporanju ta' ghalliem b'effett mit-2 ta' Mejju, 1991 (ara kopja a fol. 6) debitament imgedded kull sena, u kien ukoll munit b'Certifikat fil-Pedagogija moghti lilu fit-2 ta' Awissu, 1993 (fol. 7);

Il-Qorti jidhrilha li ghandha tiehu konjizzjoni oggettiva tal-fatti u tac-cirkostanzi dettaljati hawn fuq ghal dawk li jistghu jkunu l-effetti taghhom fuq is-soluzzjoni legali;

Bla dubju ta' xejn argoment qawwi favur it-tezi ta' l-appellanti jinzel mill-fatt illi hu nghata *warrant* temporanju biex jghallem sa mill-1991. Ir-raguni tiddetta illi kieku l-appellanti ma kellux il-hila necessarja biex jghallem dan il-*warrant* ma kienx jinhareg lilu. Dan jinzel car mid-dispost ta' l-Artikolu 12 ta' l-Att li jahseb ghall-hrug ta' *warrant* bhal dan lil persuna li, fid-diskrezzjoni tal-Ministru, ghandha l-hila mehtiega biex tghallem f'Malta. Wiehed logikament, jifhem, ukoll, illi *warrant* bhal dan kien l-ewwel pass biex eventwalment l-appellanti jottjeni *warrant* permanenti, dekors il-perijodu ta' hmistax-il sena ghal liema jirreferi l-Artikolu 11 (3) (d) ta' l-Att, hawn fuq riportat;

Ma jistax imbaghad ma jigix osservat illi dan l-ahhar imsemmi provvediment imkien ma jaghmel rabta kawzali la ma' l-otteniment jew promozzjoni ta' xi kariga partikolari u lanqas ma' xi numru specifiku ta' sieghat ta' kemm l-applikant ikun ghallem u, ukoll, jekk huwiex waqt il-hinijiet regolari ta' taghlim jew ta' *evening classes*. Jekk dawn ir-rekwiziti jifformawx *policy* agguntiva tal-Ministru responsabbli, kif hekk jidher li hu l-kaz skond dak

sottomess mill-appellati fir-risposta ta’ l-appell taghhom, l-istess ma jinzlux mil-ligi jew mir-regolamenti tahtha;

Huwa minnu illi l-Ministru hu affidat certa diskrezzjoni, u dan ighodd ukoll ghall-Kunsill ghal dik li hi “*quasi judicial discretion*”. Anke kieku stess kien hekk, il-Qorti jidhrilha li ma jkunx inopportun li tirrikjama l-attenzjoni ghal dik il-kazistika li ttenni li dik l-istess diskrezzjoni ghandha dejjem tigi ezercitata “*rite*” u “*recte*” (Ara **Vol. XXXII P II p 317** u **Vol. XLIV P IV p 897**, fost ohrajn). Dan fis-sens li jigi vvalutat jekk din id-diskrezzjoni hijiex skond it-termini sostantivi tal-ligi, u, ukoll, wahda “*fair and honest*”. Li dan ma huwiex oggettivament hekk fil-kaz partikolari jinzel mill-fatt illi l-precitati elementi ta’ *policy*, li jistghu jvarjaw skond ir-rih tal-mument, ma ghandhomx korrispondenza fil-ligi, almenu skond il-precett ta’ l-Artikolu 11 (3) (d);

Ma jidherx li hemm bzonn jinghad imbaghad illi una volta l-appellanti inghata *warrant* temporanju ghal fini li jkun jista’ jghallem wiehed ghandu ragonevolment jipprezumi illi b’effett mill-ghoti tieghu fl-1991 l-appellanti, effettivament, hekk beda jaghmel. Jikkonsegwi minn dan illi, konformement mad-disposizzjoni espressa tal-ligi, kif ukoll konsonu mar-raguni taghha, ma jistax jinghad illi l-appellant ma ssodisfax il-kriterju ta’ dak il-perijodu preskrittiv ta’ hmistax-il sena ghal liema jirreferi l-predett artikolu;

F’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss li ghandha tasal ghall-konkluzjoni diversa minn dak li wasal fiha l-Kunsill dwar l-Professjoni tal-Ghalliema.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell *di fronte* ghall-appellat il-Ministru ta’ l-Edukazzjoni, Kultura, Zghazagh u Sport. Konsegwentement, thassar id-decizjoni appellata tal-Kunsill predett u tordna invece illi l-applikazzjoni ta’ l-appellant ghall-hrug lilu ta’ *warrant* permanenti ta’ ghalliem ghandha tigi milqugha skond il-

ligi. L-appellati s-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u d-Direttur Generali tad-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. L-ispejjez tal-prezenti appell jibqghu fic-cirkostanzi bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------